# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 17**

**Rikors numru 910/06 AF**

**Ragonesi & Company Limited (C-24740) f'isimha proprju u ghan-nom tal-kumpanija estera Fulgor SA tal-Grecja**

**v.**

**(1) Korporazzjoni Enemalta u b'nota tas-6 ta' Gunju 2017 Enemalta plc assumiet l-atti tal-kawza minflok il-Korporazzjoni Enemalta;**
**(2) Id-Direttur tal-Kuntratti; u**
**(3) Associated Supplies Limited (C-2891) in rapprezentanza tal-kumpanija estera Power Cables Malaysia Sdn Bhd**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat fis-6 ta' Ottubru, 2006, li permezz tieghu s-socjetà rikorrenti esponiet is-segwenti:

“1. Illi l-kumpanija rikorrenti Ragonesi & Company Limited hija r-rapprezentant lokali tal-kumpanija Fulgor SA tal-Grecja li fost prodotti ohra timmanifattura cables tal-elettriku.

“2. Fis-sena 2004, l-intimata Korporazzjoni Enemalta harget sejha ghall-offerti E/T/T/PC3/33/2004, “Period Contract for 11kV paper insulated cables”, li minhabba l-valur tieghu ai termini tar-regolamenti vigenti dak iz-zmien inhareg skont is-sistema tat-tlett pakketti;

“3. Illi minn erba’ offerenti, kemm ir-rikorrenti pro et noe u kemm l-intimata Associated Supplies Limited ghan-nom ta’ Power Cables Malaysia kkwalifikaw mil-lat tekniku u ghalhekk kien l-ahhar pakkett li kien jikkontjeni l-prezz li kellu jholl u jorbot lil min kellu jinghata t-tender.

“4. Il-prezzijiet tal-offerenti gew pubblikati fil-5 ta’ Awwissu 2004 u minn kalkoli li saru kien jidher li kienet ir-rikorrenti li kellha l-ahjar prezz ghaliex ghalkemm Associated Supplies Limited noe kellha prezz prima facie favorevoli, minhabba li kienet qed toffri prodott Asjatiku kellha thallas tlieta punt sebgha fil-mija [3.7%] dazju fuq il-prezz offrut b’hekk li l-offerta’ taghha kienet oghla minn dik tar-rikorrenti pro et noe;

“5. Illi cio nonostante, fil-31 ta’ Jannar 2005, l-intimat Direttur tal-Kuntratti irrakkomanda li l-kuntratt jinghata lill-intimata Associated Supplies Limited nomine (Dok. A).

“6. Illi meta r-rikorrenti pro et noe talbet ragunijiet ghaliex ittiehdet din id-decizjoni, l-intimata Korporazzjoni Enemalta wiegbet bil-miktub (Dok. B) li waqt li l-offerta’ tal-intimata kienet varjabbli, dik tal-intimata Associated Supplies Limited noe kienet fissa u li din tal-ahhar kienet se ggib certifikat ta’ ezenzjoni mid-dazju, dokument imsejjah GSP Form A.

“7. Illi ffaccjata b’din l-informazzjoni, ir-rikorrenti pro et noe ma appellatx minn din id-decizjoni tal-ghotja tat-tender.

“8. Fil-25 ta’ April 2006, il-Korporazzjoni Enemalta harget sejha ghal tender iehor simili ghal dak fuq citat u sabiex jigu evitati sorprizi, ir-rikorrenti pro et noe talbitha tispjega kif kienu se jigu kkalkulati l-prezzijiet u jekk Associated Supplies Limited noe kinitx ipprovdiet ic-certifikat ta’ ezenzjoni GSP Form A fit-tender precedenti fuq citat (Dok. D);

“9. Illi l-protestata Korporazzjoni Enemalta wiegbet li Associated Supplies Limited noe kienet irhas u kellha f’idejha weghda li kwalunkwe dazju li kellu jithallas kellu jigi rifuz u dana skont formola fl-istess tender FORM 13, madanakollu ma saret ebda referenza ghac-certifikat GSP Form A (Dok. E);

“10. Illi f’din il-formola hemm imnizzel car li wiehed irid jiddikjara permezz ta’ marka f’kaxxa fl-istess formola li jekk il-Korporazzjoni Enemalta jkollha thallas id-dazju fuq l-importazzjoni tal-cable ghaliex ma jigix ipprovdut ic-certifikat Euro 1, dan ikollu jigi rifuz mill-offerent. Huwa car mill-istess formola li jekk din il-kaxxa ma tigix ingassata d-dazju jizdied mal-prezz li jkun offrut meta jkun qed isir il-kalkolu tal-prezzijiet.

“11. Illi r-rikorrenti talbet permezz ta’ ittri tal-10 u l-11 ta’ April 2006 li l-protestata Korporazzjoni Enemalta tikkonferma li fil-fatt Associated Supplies Limited noe kienet harget il-formola GSP Form A mal-konsenja precedenti u sabiex jispjegaw kif kienu waslu ghall-valuri tal-offerenti (Dok. F u G);

“12. Illi fl-ahhar irrizulta li fit-tender E/T/T/PC3/33/2004, “Period Contract for 11kV paper insulated cables” Associated Supplies Limited noe ma kinitx ingassat il-kaxxa litikkonferma li setghu jipprovdu certifikat EURO 1, (Dok. I) u ghalhekk f’April 2006 gie zvelat li l-kumpanija protestata Associated Supplies Limited ghan-nom ta’ Power Cables tal-Malaysia kienet oghla mill-kumpanija rikorrenti u ghalhekk qatt ma messha nghatat it-tender fuq citat;

“13. Illi minhabba din l-irregolarita’, ir-rikorrenti pro et noe soffriet danni f’telf ta’ kummissjoni u profitti waqt li l-Korporazzjoni Enemalta ghal ragunijiet injoti ghar-rikorrenti, pro et noe, bi flus pubblici ghazlet offerta’ li kienet oghla u sussegwentement taw informazzjoni hazina u qarrieqa sabiex tinheba l-verita’.

“14. Illi l-fatti msemmija gew dedotti fi protest kontra l-intimati li gie pprezentat nhar il-5 ta’ Lulju 2006, li permezz tieghu, l-intimati gew interpellati jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni sofferti mir-rikorrenti pro et noe. Madanakollu, l-intimati mhux talli ghadhom inadempjenti imma talli lanqas biss ipprezentaw risposta ghall-protest imsemmi.

“Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) tiddikjara li l-intimati Direttur tal-Kuntratti u Korporazzjoni Enemalta wettqu rregolaritajiet fil-procedura segwita ghall-ghoti tat-tender E/T/T/PC3/33/2004, “Period Contract for 11kV paper insulated cables”, u li ghalhekk l-intimata Associated Supplies Limited (C-2891) nomine ma kellhiex tinghata l-kuntratt relattiv;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju Numru 280/06 tal-5 ta’ Lulju 2006 kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni u b’rizerva ghad-dritt tar-rikorrenti proprio et nomine li tipprocedi ghal danni konsistenti f’telf ta’ kummissjoni u profitti”.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Korporazzjoni Enemalta datata l-10 ta' Novembru, 2006, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

> "1. Preliminarjament u minghajr pregudizzju fil-mertu, ir-rikorrenti ghandu jgib prova li huwa gie awtorizzat sabiex jistitwixxi dawn il-proceduri in rapprezentanza tal-kumpanija estera Fulgor SA;
>
> "2. Illi ukoll preliminarjament, l-azzjoni tar-rikorrenti ghandha tigi michuda ai termini tas-subartikoli (3) u (4) tal-artikoli 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> "3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda stante illi l-ghazla saret ai termini tat-tender inkwistjoni, tal-ligijiet u r-regolamenti vigenti u fl-aqwa interess finanzjarju pubbliku billi fil-fatt l-offerta' maghzula kienet l-aktar offerta' baxxa kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza."

Rat ir-risposta tas-socjetà konvenuta Associated Supplies Limited, tal-10 ta' Novembru, 2006, li in forza taghha eccepiet:

> "1. Illi, in linea preliminari, is-socjetà Associated Supplies Limited nomine mhijiex il- legittima kontradittrici ghat-talba rikorrenti, u ghalhekk titlob illi tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju f'din l-istanza, stante illi l-istess socjetà esponenti qatt ma kellha ebda relazzjoni jew ness guridiku mas-socjetajiet rikorrenti, oltre li l-premessi u t-talbiet rikorrenti huma evidentement diretti unikament kontra l-intimati l-ohra kollha f'din l-istanza;
>
> "2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari wkoll, it-talbiet rikorrenti huma f'kull kaz preskritti, oltre li bl-istess trapass taz-zmien, is-socjetajiet rikorrenti ddekadew mid-dritt pretiz minnhom li jmexxu bl-azzjoni odjerna, skont il-ligi;
>
> "3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq espost, u fuq il-meritu, it-talba rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk timmerita illi tigi respinta, bl-ispejjez kontra l-istess socjetajiet rikorrenti, billi l-istess talba rikorrenti hija bbazata unikament fuq il-premessa falza u inveritiera illi s-socjetà esponenti "*kienet oghla mill-kumpanija rikorrenti u ghalhekk qatt ma messha nghatat it-tender ... citat*". Fil-fatt, kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjetajiet rikorrenti, l-offerta' maghmula mis-socjetà esponenti, apparti li kienet wahda fissa, kienet ukoll irhas minn dik tas-socjetajiet rikorrenti. Dan qed

> jinghad billi d-dazju ta' 3.7% imsemmi fil-premessi rikorrenti mhuwiex, kif allegat mis-socjetajiet rikorrenti, qed jigi mizjud mal-prezz offrut mis-socjetà esponenti, anzi qieghed jitnaqqas mill-istess prezz f'dawk ic-cirkostanzi fejn is-socjetà esponenti ma ggibx ic-certifikat ta' ezenzjoni mid-dazju. Apparti hekk jigi rilevat ukoll illi, kif jirrizulta mid-Dokument 'B' anness mar-rikors promutorju, tirrizulta raguni ohra ghalfejn il-Korporazzjoni intimata qieset illi l-offerta' tas-socjetà esponenti kienet orhos, u cioe' illi l-prezz offrut mis-socjetajiet rikorrenti kien wiehed varjabbli, li jizdied b'5% kull sena. Minn kull angolu li thares lejha ghalhekk, l-azzjoni rikorrenti ghandha tirrizulta totalment frivola u vessatorja".

Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Kuntratti, li in forza taghha eccepixxa illi:

> "Illi t-talba tas-socjetà attrici hija preskritta stante l-iskadenza tas-sitt xhur ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talba tas-socjetà attrici hija infondata fid-dritt stante illi s-socjetà attrici setghet facilment ressqet l-ilmenti taghha permezz ta' appell quddiem il-Public Contracts Appeals Board ai termini tal-artikolu 82(3) tal-L.N. 177 tal-2005.
>
> "Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici fil-konfront tal-intimat, hija fil-mertu nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi d-Direttur tal-Kuntratti ma wettaq ebda irregolarita' fil-procedura segwita fl-ghoti tat-tender mertu ta' dina l-kawza. Il-General Contracts Committee approva r-rakkomandazzjoni mressqa mis-socjetà intimata Korporazzjoni Enemalta ghall-ghoti tat-tender lis-socjetà Associated Supplies Limited stante illi kienet l-orhos offerta'.
>
> "Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Novembru, 2010, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti kollha, filwaqt li ordnat li jitkompla s-smiegh fuq il-mertu. Dik il-Qorti waslet ghal dik il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonjiet:

“Illi l-fatti li originarjament taw lok ghal din il-vertenza kienu jirrigwardaw is-sejha ghall-offerti Nru. E/T/T/PC3/33/2004 Period Contract of 11 kV paper insulated cables. Is-socjetà rikorrenti kienet wahda mill-offerenti li, pero’ ma ntghazlitx. Issa istitwiet dawn il-proceduri u qed titlob lill-Qorti tiddikjara li fl-ghoti tat-tender, l-intimati Direttur tal-kuntratti u l-Korporazzjoni Enemalta wettqu irregolaritajiet. L-intimati kollha ressqu eccezzjonijiet ta’ natura preliminari u huma dawn l-eccezzjonijiet li qed tiddisponi minnhom din il-Qorti llum.

“Il-Qorti tibda biex tiskarta l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta li tirrigwarda l-awtorizzazzjoni tas-socjetà rikorrenti biex tirraprezenta lis-socjetà estera Fulgor SA. F’dan il-kuntest, il-Qorti tistrieh fuq dak dikjarat minn Roberto Ragonesi fl-affidavit tieghu, kif dejjem intwera bic-car fil-korrispondenza mal-korporazzjoni Enemalta, fatt dan tar-rapprezentanza li qatt ma gie kontestat bl-ebda mod la tul dawn is-snin u lanqas waqt il-proceduri odjerni ma kien hemm insistenza fuqu.

“Is-socjetà Associated Supplies Limited imbaghad teccepixxi illi hija ma jmisshiex giet imharrka ghaliex m’hijiex legittima kontradittrici. Jirrizulta lil din il-Qorti illi Associated Supplies Limited kienet kompetitur tar-rikorrenti fit-tender li dwaru qed issir l-allegazzjoni ta’ irregolarita’. Il-Qorti tqis li, ghalkemm huwa minnu li m’hijiex qed tintalab mir-rikorrenti xi ordni specifika fil-konfront taghha, ma tistax titqies b’dana kollu li m’ghandhiex interess guridiku fil-vertenza. It-talba tar-rikorrenti testwalment tinkludi “li ghalhekk l-intimata Associated Supplies Limited nomine ma kellhiex tinghata l-kuntratt relattiv”.

“Ghalhekk, il-Qorti ma taqbilx illi s-socjetà intimata ASL, ma setghet qatt titqies bhala estranea ghall-kwistjoni kollha.

“Kif qalet il-Qorti fil-kawza “Agius vs Borg” (deciza mill-Qorti Prim’ Awla fit-28 ta’ Marzu 2003), il-konvenut seta’ “jipprovoka decizjoni, fil-limiti tal-azzjoni, li tistabbilixxi certi fatti u drittijiet favorevoli jew kuntrarji ghalih, bla ma jigi liberat jew kundannat”.

“Ghalkemm, f’dawn il-proceduri m’huwiex qed jintalab it-thassir tal-kuntratt inkwistjoni, il-Qorti bl-ebda mod ma tista’ tqis li l-istess ASL m’ghandhiex interess meta qed tintalab dikjarazzjoni ta’ irregolarita’ fi proceduri li, finalment, kienet hi li gawdiet minnhom. Il-htiega tal-integrita’ tal-gudizzju titlob li ASL tkun parti fil-proceduri u tiddefendi ruhha. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

“It-tlett intimati lkoll jeccepixxu l-preskrizzjoni. Biex il-Qorti tghaddi biex tikkonsidra din l-eccezzjoni jehtieg l-ewwel jigi stabbilit jekk il-proceduri odjerni humiex essenzjalment dawk li jipprovdi ghalihom l-Art. 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li testwalment jghid hekk fis-subinciz:

(1) "Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-Qrati tal-Gustizzja ta' kompetenza Civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita' ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett".

"L-iskop ta' dan il-provvediment m'huwiex fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, limitat ghal talba ta' dikjarazzjoni ta' nullita' ta' ghemil amministrattiv. Il-ligi taghti rimedju ta' stharrig esklussivament, ghalhekk l-uzu tal-kelma "jew" li timplika l-alternattivita' ta' zewg rimedji. Id-dikjarazzjoni ta' irregolarita' li qed tintalab minn din il-Qorti timporta essenzjalment l-istharrig provdut ghalih bl-Art. 469A.

"Galadarba, ghalhekk, gie stabbilit illi l-azzjoni hija wahda taht l-imsemmi Art. 469A, japplika t-terminu li jipprovdi ghalih l-Art. 469A(3) li testwalment jaqra hekk:

"Kawza biex twaqqa' ghemil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(b) ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jigi l-ewwel, b'dak l-ghemil amministrattiv".

"Jibda biex jinghad illi l-perjodu ta' sitt xhur li jipprovdi ghalih l-imsemmi subinciz huwa wiehed ta' dekadenza. Ir-rizultat tas-sejha ghall-offerti E/T/T/PC3/33/04 gie pubblikat fit-22 ta' April 2004 (Dok. a fol 7 tal-process). Fuq talba tas-socjeta rikorrenti, Godfrey Camilleri, procurement Executive tal-Korporazzjoni Enemalta informa lil Roberto Ragonesi bir-ragunijiet li ghalihom rebhet it-tender Power Cables Limited u mhux Fulgor, is-socjetà rapprezentata minn Ragonesi. Ir-ragunijiet li nghatawlhom dakinhar kienu li l-prezz tar-rebbieh tat-tender kien wiehed fiss kif ukoll li l-prodott kien ser ikun akkumpanjat minn GSP form A certificate li kien jirrendih ezenti mid-dazju (ara fol. 9 tal-process). Ir-rikorrenti jidhru li accettaw, sa dak il-mument, dik l-ispjegazzjoni ghat-telfa taghhom. Roberto Ragonesi jixhed hekk:

"In vista ta' din l-ispjegazzjoni li wara irrizulta li kienet zbaljata jekk mhux addirittura qarrieqa, ir-rikorrenti la hadet passi quddiem il-Qrati u lanqas quddiem il-Public Contracts Appeals Board".

"Sussegwentement, fil-kuntest ta' proceduri ta' tender iehor xi zmien wara, ir-rikorrenti, fl-10 ta' April 2006, talbu lill-Procurement Officer jekk fil-fatt Power Cables Malaysia kinitx gabet l-ezenzjoni mehtiega u dan bil-ghan li jikkalkolaw sew l-offerta taghhom ghat-tieni tender (ara dokumenti a fol. 12 u 13 tal-process).

"Kien biss fir-risposta datata 12 ta' April 2006 (fol. 14 tal-process) li waslet l-informazzjoni li ma ngabitx l-ezenzjoni mit-taxxa li kienet irrendiet l-offerta favorevoli. Dawn il-fatti ma gewx kontradetti bl-ebda mod mill-intimati.

"Godfrey Camilleri, procurement executive tal-Korporazzjoni Enemalta xehed hekk:

“Ghalhekk jien niddikjara illi r-rikorrenti Roberto Ragonesi setgha sar jaf bil-fatti li huwa jilmenta minnhom immedjatament meta dawn sehhew kieku hu baqa’ jsegwihom;

“Ghaldaqstant, filwaqt illi ma nistax neskludi l-fatt illi s-sur Ragonesi sar jaf bil-fatti permezz tal-ittra tieghi tat-12 ta’ April 2006, nikkonferma li kieku segwa l-vicenda u staqsina u seta’ jkun jaf ferm qabel u cioe’ meta avverraw ruhhom il-fatti li minnhom hu jilmenta”.

“Din il-Qorti ma tistax taccetta li r-rikorrenti seta’ sar jaf bil-fatti qabel; lanqas ma tqis accettabbli dak dikjarat minn William Decelis, mill-korporazzjoni Enemalta illi:

“Ta’ min ighid illi l-attur Ragonesi huwa ferm intiz fil-proceduri tat-tendering tal-Korporazzjoni billi hu sikwit jipprezenta tenders u f’hafna kazi rebah tenders ta’ fornitura jew servizzi”.

“Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti irnexxielu jipprova li l-informazzjoni li kien qed jitlob u jottjeni kienet addirittura zbaljata. Fil-fatt l-istess Decelis fl-affidavit tieghu jikkonferma:

“Fil-fatt, it-Tenderer Nru. 4 ikkonferma li se jipprovdi c-certifikat mehmuz u l-offerta’ inghatat lilu peress li rrizulta li l-offerta’ tieghu kienet l-irhas wahda.

“Huwa maghruf li wara li Tenderer Nru. 4 inghata l-ordni, dan naqas li jipprovdi c-certifikat rikjest ghall-ezenzjoni mid-dazju, izda dan l-ammont gie mnaqqas mill-pagamenti dovuti lilu u ghaldaqstant il-Korporazzjoni hallset l-ammont dovut skont l-offerta’ u ma hallset xejn aktar minn dak dovut”.

“Is-socjetà rikorrenti ma kinitx taf il-fatti u lanqas setghet tkun tafhom qabel il-komunikazzjoni tat-12 ta’ April 2006. Il-Qorti ma tistax ma tqisx hawnhekk ir-riluttanza kbira tal-intimati li jipprezentaw l-inkartament dwar it-tender fil-Qorti. Kellha tkun il-Qorti li tordnalhom jaghmlu dan. Inverosimili, ghalhekk, l-asserzjoni taghhom li s-socjetà setghet issir taf kollox meta lanqas il-Qorti ma saret taf kollox facilment.

“Ghalhekk il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni.

“Finalment, il-Qorti qed tikkonsidra ukoll l-eccezzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti u tal-Korporazzjoni Enemalta li rrikorrenti seta’ ipprevalixxa ruhu mid-dritt ta’ appell lill- Public Contracts Appeals Board ai termini tal-Avviz Legali 177 tal-2005. Din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda mill-Qorti. Il-Qorti filwaqt li tirreferi ghal dak li ntqal aktar ‘il fuq, ittenni li, jirrizulta illi, meta nghata t-tender de quo, ir-ragunijiet li nghataw kienu l-prezz fiss u l-ezenzjoni mid-dazju (ara dokument a fol. 9 tal-process). F’dak l-istadju ma jidhirx li kellha raguni tappella s-socjetà rikorrenti. Kif jixhed Roberto Ragonesi:

"Barra minn hekk, kif ga spjegajt fid-dikjarazzjoni tieghi fir-rikors guramentat, nixtieq intenni li kien biss wara ittri tal-10 u l-11 ta' April 2006, illi fl-ahhar gie zvelat illi l-offerta' tal-kumpanija Associated Supplies Limited *nomine* kienet oghla minn dik tal-kumpanija rikorrenti. Sa dik id-data, l-informazzjoni moghtija lir-rikorrenti mill-intimata Korporazzjoni Enemalta kienet illi l-offerta' tal-konvenuta *nomine* intghazlet ghax kienet fissa u ghax din il-kumpanija kienet se ggib certifikat ta' ezenzjoni mid-dazju. In vista ta' din l-ispjegazzjoni li wara rrizulta li kienet zbaljata jekk mhux addirittura qarrieqa, ir-rikorrenti la hadet passi quddiem il-Qrati u lanqas quddiem il-Public Contracts Appeals Board. Ovvjament, wara li nkixef il-Power Cables tal-Malaysia qatt ma messha nghatat it-tender, ir-rikorrenti fittxet rimedju, l-ewwel permezz ta' protest tal-5 ta' Lulju 2006, u mbaghad permezz ta' din il-kawza".

"Is-socjetà rikorrenti sa dakinhar ma kellhiex ghad raguni tahseb li r-ragunijiet li kienet qed tinghata kienu b'xi mod skorretti. Fuq kollox lanqas ma gie b'xi mod kontradett li d-decizjoni tat-22 ta' Dicembru 2004 giet fil-fatt komunikata lir-rikorrenti bhala parti interessata fil-31 ta' Jannar 2005, kif jidher mill-kopja esibita mill-istess rikorrenti a fol. 7 tal-process u li, in segwitu taghha, l-ghada stess, bdiet il-korrispondenza mir-rikorrenti lill-Korporazzjoni Enemalta".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Ottubru, 2013, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti cahdet ukoll il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha, rigwardanti l-mertu u konsegwentement laqghet it-talba attrici kif imressqa, bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni Enemalta u d-Direttur tal-Kuntratti in solidum bejniethom u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi permezz ta' din il-kawza, is-socjetà rikorrenti kemm f'isimha kif ukoll ghas-socjetà Fulgor minnha rapprezentata qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni ta' irregolarita' fil-procedura segwita fl-ghoti ta' tender ghal xiri ta' cables mill-korporazzjoni Enemalta. Isostnu li s-socjetà li rebhet it-tender ma messhiex fil-fatt rebhitu.

"Il-fatti kif graw mhumiex kontestati. Jirrizulta mill-provi illi:

"Fit-8 ta' April 2004, il-Korporazzjoni Enemalta ppubblikat sejha ghall-offerti bir-referenza E/T/T/PC3/33/2004 ghall-provvista ta' Period Contracts for 11kV three core paper insulated Cables.

“Din is-sejha ghall-offerti kienet taghlaq fil-25 ta’ Mejju 2004.

“Ghal din is-sejha ghall-offerti intefghu erba’ (4) offerti hekk kif jirrizulta mill-iskeda hawn annessa Dok. AF1.

“Din is-sejha ghall-offerti kienet taqa’ taht il-process imsemmi bhala procedura tat-tliet pakketti. Dan ifisser li l-offerta’ trid tigi pprezentata fi tliet pakketti separati. Fl-ewwel pakkett ikun hemm il-garanzija bankarja, fit-tieni pakkett ikun hemm l-offerta’ teknika u fit-tielet pakkett ikun hemm l-offerta’ finanzjarja.

“Mid-Dok. AF1 jirrizulta li l-erba’ offerenti issottomettew il-garanzija bankarja u konsegwentement ghaddew ghat-tieni parti tal-process u cioe’ l-evalwazzjoni teknika tal-offerti.

“Kif jirrizulta mill-minuta tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti hawn annessa bhala Dok. AF2, mill-erba’ offerti li gew sottomessi tlieta ghaddew mill-stadju tekniku ghall-fazi tal-evalwazzjoni finanzjarja waqt li l-bidder identifikat bin-numru T1 gie skwalifikat ghal ragunijiet teknici.

“Il-Kumitat Generali tal-Kuntratti fuq rakkomandazzjoni tal-Enemalta Corporation irrakkomanda li dan it-tender jigi aggudikat lil Power Cables Malaysia.”

“Jirrizulta illi peress illi s-sejha saret f’data qabel ma Malta dahlet fl-Unjoni Ewropea.

“Jirrizulta wkoll illi fil-formola mimlija minn Power Cables tal-Malaysia ma kinitx rigward dettalji ta’ prezz (fol. 84), giet immarkata l-kaxxa li turi li l-prodott kien ser jigi provdut minghajr dazju (billi jkollu Eur 1 certificate).

“Jirrizulta illi fl-1 ta’ Settembru 2004, u cioe’ qabel l-aggidukazzjoni, William Decelis mid-Dipartiment tal-Kuntratt, talab lil ASL, agenti ta’ Power Cables, sabiex jipprovdi d-dokumenti tal-ezenzjoni mid-dazju. Rapprezentant ta’ Power Cables imbaghad wieghed li ser jipprovdi d-dokumenti. L-e-mails relattivi qeghdin esebiti in atti a fol. 152. Finalment, id-dokumenti ma waslu qatt u Power Cables inghatat it-tender ghax mid-dehra, l-ammont minnha kwotat kien orhos. Sussegwentement, irrizulta illi l-Enemalta kellha thallas ammont ta’ dazju, liema ammont spicca tnaqqas mill-ammont dovut lil Power Cables.

“Konsiderazzjonijiet

“Il-Qorti tibda biex tinnota li r-regolamenti applikabbli ghal dan it-tender partikolari kienu dawk kontenuti fl-Avviz Legali 299/2003 (sussegwentement sostitwiti bl-Avviz Legali 177 tal-2005 u mbaghad bl-Avviz Legali 296 tal- 2010).

“Minn dawn ir-regolamenti johorgu principji bazici li jirregolaw “public procurement”, u cioe’ x-xiri da parti tal-awtoritajiet. Dawn il-principji jiggarantixxu essenzjalment dik it-trasperanza u non-diskriminazzjoni mehtiega fl-ghoti ta’ kuntratti pubblici. Dawn ir-regolamenti jipprovdu fost hwejjeg ohra ghar-regola bazilari li offerta’ qatt ma tista’ titbiddel ladarba tkun intefghet. Lanqas ma tista’ awtorita’ li tkun qieghda tixtri prodott jew servizz tistieden lil xi offerent ibiddel l-offerta’. Ir-regolamenti jipprovdu biss ghall-possibilita’ li l-istess awtorita’ titlob kjarifiki limitatament fuq kwestjonijiet teknici.

“Regolament 102(2) testwalment jipprovdi illi:

“Izda d-Direttur tal-Kuntratti jew, bl-awtorizzazzjoni tieghu, Awtorita’ Kontraenti, ikollhom il-jedd jiksbu kjarifiki fuq punti ta’ xorta teknika b’mod li tkun tista’ ssir valutazzjoni kif imiss ta’ offerta’, li, madanakollu f’dak l-istadju kienet tkun diga’ giet dikjarata bhala wahda bazikament konformi.”

“Wiehed jinnota ukoll illi tali kjarifika tista’ tintalab biss wara li tkun hekk awtorizzata mid-Direttur tal-Kuntratti.

“F’dan l-isfond, ghalhekk, il-Qorti ghaddiet biex tanalizza dak li sehh fil-kors tal-procedura tal-ghoti tat-tender li wassal ghall-ilment odjern. Il-kompetizzjoni f’din is-sejha kienet ridotta ghal tliet offerenti li kollha kienu ssorvolaw il-procedura tal-ewwel zewg pakketti u ghalhekk il-kriterju deciziv kien ser ikun il-prezz. Mad-daqqa ta’ ghajn, l-offerta’ ta’ Power Cables kienet l-orhos, pero’ din il-figura ma kinitx tinkludi dazju. Fil-formola mimlija minn Power Cables ma kien hemm ebda dikjarazzjoni rigward ezenzjoni minn dazju. Ghalhekk, min kien qed jaggudika kellu jipprovdi ghal dan. Infatti, il-formola dwar hlas (esebita a fol. 84), tinkludi fiha dikjarazzjoni tal-istess offerent illi “If the Eur 1 certificate box is NOT ticked, we are aware that duty (if applicable) will be added to our quoted price prior to adjudication (enfasi fuq dawn l-ahhar kelmiet mizjuda minn din il-Qorti). Minn dan jidher illi galadarba kien stabbilit li ma kienx hemm dikjarazzjoni ta’ ezenzjoni mid-dazju, l-ammont ta’ dazju kellu jigi mizjud mal-prezz tal-offerta’ bir-rizultat li l-offerta’ ta’ Power Cables kienet tkun oghla minn dik ta’ Fulgor. Dan ma sarx u nghata t-tender lil Power Cables.

“Inoltre, wara li ghalqet is-sejha ghall-offerti rapprezentanti ta’ Enemalta ikkomunikaw ma’ rapprezentanti ta’ Power Cables Malaysia kemm fl-Italja u kif ukoll f’Malta u talbuhom duty free certificate. L-e-mails skambjati esibiti in atti a fol. 152 juru li l-offerent intalab jikkonferma li ser jipprovdi prodott bla dazju. F’dan l-istadju, din il-Qorti tqis li dak li effettivament kien qed jintalab kien infatti bidla fl-offerta’ li suppost kienet diga’ qieghda tigi kkunsidrata bid-dazju aggunt. Din il-Qorti tqis li ma kinitx kjarifika ta’ natura teknika kif premessa mir-regolament u ghalhekk bhala tali kienet irregolari. Enemalta ssostni li ma ghamlet xejn irregolari, anzi, kien id-dmir taghha li taghmel verifiki. Godfrey Camilleri li kien jokkupa l-kariga ta’ Procurement Executive

kien inkariga lil William Decelis jaghmel dawn il-verifiki wara li ghalqet is-sejha u qabel ma gie aggudikat it-tender (ara xhieda a fol. 165).

"Il-Qorti tqis li ma kien hemm ebda raguni ghal dawn il-verifiki. L-offerent ma kienx wieghed l-ezenzjoni mid-dazju. Min kien qieghed jiggudika kien fid-dover li jzid l-ammont ta' dazju mac-cifra kwotata u jiddeciedi fuq il-figuri hekk. Li kieku sar hekk Power Cables ma kinitx tkun l-orhos offerent.

"Lanqas ma tista' din il-Qorti taccetta l-argument illi l-Enemalta ma batietx spejjez ta' dazju. Ghalkemm huwa minnu li l-ammont ta' dazju mhallas gie mnaqqas mill-hlas lil Power Cables, pero' dan sar a skapitu tal-principju ta' trasperanza u "equality of arms" tant essenzjali fl-infiq ta' fondi pubblici. Enemalta tassew harget b'irhas, pero' dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li kieku l-affarijiet tmexxew regolarment, ir-rizultat tat-tender fl-ahharnett kien ikun differenti. Il-fatt li l-izball batietu l-kumpanija Power Cables Malaysia huwa, fil-fehma ta' din il-Qorti, irrelevanti.

"Enemalta qieghda issa ssostni illi kien hemm raguni ohra ghaliex Fulgor tilfet it-tender, u dan kien ghaliex il-prezz taghha ma kienx stabbli peress illi kellu jizdied kull sena. Il-Qorti, f'dan il-kuntest, tirreferi ghall-affidavit ta' William Decelis (fol. 43) li jghid illi l-prezzijiet finali gew ikkalkulati fuq dan il-perjodu u ghalhekk il-prezz finali li bih kienet qed tikkompeti Fulgor kien jinkludi kull zieda mitluba kif jirrizulta wkoll mid-dokumenti rigwardanti t-tender li gew esebiti mill-istess intimati. Enemalta kienet diga' ghamlet il-kalkoli taghha fir-rigward (ara wkoll e-mail a fol. 13 u 14)".

Rat iz-zewg rikorsi tal-appell tal-konvenuti Direttur tal-Kuntratti u tal-Korporazzjoni Enemalta, li permezz taghhom gew appellati z-zewg sentenzi fil-kawza fl-ismijiet premessi, tat-18 ta' Novembru 2010, kif ukoll dik tas-16 ta' Ottubru, 2013, u ghalhekk intalab minn din il-Qorti illi jigu mhassra, irrevokati u annullati l-istess sentenzi u minflok tghaddi biex tichad it-talbiet tas-socjetà appellata, bl-ispejjez kontra taghha.

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici appellata proprio et nomine, li permezz taghha talbet illi l-appelli rispettivi tad-Direttur tal-Kuntratti u tal-

Korporazzjoni Enemalta, ghandhom jigu michuda u li ghandhom jigu kkonfermati z-zewg sentenzi tat-18 ta' Novembru 2010, kif ukoll dik tas-16 ta' Ottubru, 2013, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat ir-risposti tas-socjetà Associated Supplies Limited nomine li permezz taghhom sostniet li z-zewg appelli interposti huma fondati u ghar-ragunijiet hemm imsemmija jimmeritaw li jigu milqugha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2017 fejn, filwaqt li d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell, dan baqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkonsidrat:

Illi l-azzjoni attrici hija essenzjalment wahda dikjaratorja li permezz taghha jintalab li l-konvenuti appellanti Direttur tal-Kuntratti u l-Korporazzjoni Enemalta wettqu irregolaritajiet fil-procedura segwita ghall-ghoti ta' tender ghax-xiri ta' cables li ntrebah mis-socjetà konvenuta l-ohra Associated Supplies Limited (minn hawn 'il quddiem imsejha ASL) ghan-nom ta' Power Cables Malaysia.

Jinhass opportun li jigi trattat mal-ewwel dawk l-aggravji tal-appellanti li permezz taghhom qeghdha tigi attakkata s-sentenza preliminari tal-ewwel Qorti tat-18 ta' Novembru, 2010. L-aggravji li huma komuni ghaz-zewg appellanti ser jigu trattati f'daqqa, inkwantu l-ilmenti taghhom ghandhom xebh kbir bejniethom. L-ewwel aggravju li ser jigi trattat huwa dak dwar ic-cahda tal-eccezzjoni da parti tal-ewwel Qorti marbuta mad-dekadenza tal-azzjoni ai termini tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Izda qabel xejn jehtieg li tigi investita n-natura tal-azzjoni attrici, peress li s-socjetà attrici appellata tishaq li l-azzjoni taghha mhix wahda ta' stharrig ta' ghemil gudizzjarju ai termini tal-Artikolu Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili), izda li l-kawza istitwita minnha saret bhala procedura *ad hoc* taht principji generali tal-ligi li ma jinkwadrawx taht l-imsemmi artikolu u ghalhekk issostni li ma japplikawx l-eccezzjonijiet imqajjma mill-konvenuti appellanti. Hija tishaq li l-Qrati taghna jirrikonoxxu li jistghu jsiru proceduri li ghandhom fihom element ta' stharrig gudizzjarju, minghajr ma dawn jitressqu ai termini tal-Artikolu 469A tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ticcita sentenza f'dan ir-rigward.

Minn ezami tar-rikors promotur, fil-fehma ta' din il-Qorti, is-socjetà attrici tilmenta minn serje ta' avvenimenti ritenuti minnha rregolari u tishaq li

kien konsegwenza ta' dawn l-irregolaritajiet li wasslu lill-konvenuti appellati li jaghtu l-kuntratt lis-socjetà konvenuta l-ohra. Jekk wiehed jara l-agir li tilmenta minnu s-socjetà attrici appellata, dan jirrelata mal-process ta' *public procurement* adoperat miz-zewg konvenuti appellanti sabiex wettqu l-ghazla taghhom. Isegwi li l-agir ilmentat minnha huwa marbut sew mar-responsabbiltajiet taghhom, bhala parti mill-process shih ghall-iskrutinju tal-offerti u l-ghoti ta' kuntratt pubbliku, li min-natura tieghu huwa intrinsikament ta' natura amministrattiva. Isegwi, anke fid-dawl ta' dak li ser jinghad fil-paragrafu minnufih wara dan, li huwa al kwantu ovvju li proprju l-provvediment specjali taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jirregola din il-vertenza u mhux il-ligi ordinarja taht il-Kodici Civili. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, tal-31 ta' Mejju, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **Roberto Zamboni noe. v. Id-Direttur tal-Kuntratti et**).

Id-dicitura adoperata mill-istess socjetà attrici appellata fir-rikors promotur taghha, fis-sens li jigu investigati l-irregolaritajiet imwettqa mill-konvenuti appellanti, ukoll hija sintomatika ta' stharrig ta' ghemil amministrattiv. Dana jinghad fid-dawl tal-Artikolu 469A(1) li jipprovdi:

> "Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex **jistharrgu l-validità ta' xi ghemil amministrattiv jew** li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalid jew minghajr effett…".

Huwa ghalhekk meqjus li meta s-socjetà attrici appellanti tixli lill-konvenuti b'irregolaritajiet f'ghemilhom, dan jinkwadra sew fil-parametri tal-Artikolu 469A(1)(b) in ezami (u mhux taht l-Artikolu 469A(1)(a) sa fejn ma hemm ebda allegazzjoni ta' ghemil li jikser il-Kostituzzjoni).

Inotrè, mhix ritenuta rilevanti s-sentenza citata mill-istess socjetà attrici appellata, li titratta kawza ta' stharrig gudizzjarju ta' decizjoni tat-Tribunal Industrijali, fejn gie ritenut li din kienet *ultra vires,* peress li dik l-azzjoni sewwa sew ukoll giet inkwadrata taht l-istess artikolu in ezami, u kwindi mhix ta' sostenn ghall-argument tas-socjetà attrici appellata. Kwindi din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mis-socjetà attrici appellata, izda taqbel sa fejn kien dikjarat mill-ewwel Qorti li l-azzjoni attrici tinwadra taht l-Artikolu 469A meta nghad minnha:

> "*L-iskop ta' dan il-provvediment m'huwiex fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, limitat ghal talba ta' dikjarazzjoni ta' nullita' ta' ghemil amministrattiv. Il-ligi taghti rimedju ta' stharrig esklussivament, ghalhekk l-uzu tal-kelma "jew" li timplika l-alternattivita' ta' zewg rimedji. Id-dikjarazzjoni ta' irregolarita' li qed tintalab minn din il-Qorti timporta essenzjalment l-istharrig provdut ghalih bl-Art. 469A*".

Ghalhekk imiss li jigi mistharreg l-aggravju tal-appellanti li jiccentra ruhu fuq id-dekadenza tat-terminu tas-sitt xhur skont kif provdut taht l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel m'ghandu jigi osservat huwa li dan it-terminu huwa wiehed ta' dekadenza u mhux ta' semplici preskrizzjoni. (Ara sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Zamboni noe. v. Id-Direttur tal-Kuntratti et** hawn qabel citata). Dan ifisser li tali terminu

ma jigix interrott jew sospiz bhalma jigri fil-kaz ta' terminu ta' preskrizzjoni. Ghalhekk atti gudizzjarji li normalment jitqiesu tajbin biex jinterrompu perjodu preskrittiv, jew il-fatt li tkun ghaddejja korrispondenza jew li ssir diskussjoni bejn il-partijiet wara li jkun sar l-ghemil amministrattiv, ma jservi xejn biex jinterrompi l-perjodu ta' sitt xhur imsemmija fil-ligi. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Settembru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Co-Op Services Limited v. Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku** u dik tat-23 ta' Novembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Abdel Hamid Alyassin v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et**).

Inkwantu ghall-kwistjoni ta' minn meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' sitt xhur stipulat fl-artikolu in ezami, dan jipprovdi li jibda' ghaddej minn meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf (skont liema jigi l-ewwel) b'dak l-ghemil amministrattiv li jkun qieghed jilmenta dwaru. L-Artikolu 469A(3) ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur isir jaf bid-decizjoni amministrattiva. Kieku l-legislatur kellu intenzjoni li dan il-perjodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna li tigi milquta b'ordni amministrattiva tigi informata b'mod ufficjali u bil-miktub, certament il-legislatur kien jaghmilha esplicita. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Denis Tanti v. Ministru ghall-Izvilupp Socjali et**).

Dan ifisser li l-kwistjoni determinanti dwar l-eccezzjoni in ezami f'dan l-istadju hija meta tassew ittiehdet id-decizjoni li minnha tilmenta s-socjetà attrici appellata u meta saret taf jew setghet issir taf biha. Kuntrarjament ghal dak ritenut mill-ewwel Qorti, fil-fehma ta' din il-Qorti t-twegiba ghal din il-mistoqsija tinsab fid-data tad-decizjoni tal-General Contract Committee, li giet ippubblikata fit-22 ta' Ottubru, 2004 (Dok. AF 3), proprju peress li l-artikolu tal-ligi inkwistjoni jipprovdi li l-perjodu ta' sitt xhur jibda' ghaddej minn meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf (skont liema jigi l-ewwel). Dan ifisser li meta s-socjetà attrici appellata ntavolat dawn il-proceduri fis-6 ta' Ottubru tas-sena 2006, lahqu ghaddew kwazi sentejn, jigifieri ben oltre' it-terminu ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi.

Is-socjetà attrici appellata ssostni li hija ma kinitx taf bid-decizjoni f'Ottubru 2004 u saret taf b'din id-decizjoni fil-31 ta' Jannar, 2005. Madankollu l-ligi stess kienet tipprovdi (Artikolu 103 tal-Avviz Legali 299 tas-sena 2003 li kienet vigenti fiz-zmien inkwistjoni) li dawn ir-rizultati jsiru pubblici, kif spjegat mir-rapprezentanti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, meta jigu ppublikati fuq in-*noticeboard* tad-Dipartiment. Inoltrè din il-Qorti ssibha difficli biex temmen li s-socjeta` attrici appellata, bhala kuntrattur li ppartecipat f'sejha pubblika ghall-offerti halliet aktar minn tliet xhur sabiex tivverifika l-ezitu ta' dik is-sejha ghall-offerti!

Din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti, fis-sens li s-socjetà attrici appellata ma kinitx taf il-fatti u lanqas setghet tkun tafhom qabel il-komunikazzjoni taghha tat-12 ta' April 2006. Il-ligi hija cara meta tghid li t-terminu ta' sitt xhur jiskatta mill-mument meta l-individwu li ghandu interess isir jaf jew seta' isir jaf b'dak l-ghemil amministrattiv. Il-legislatur ma jghidx li t-terminu jiskatta minn meta l-individwu jsir jaf ir-raguni wara tali ghemil amministrattiv. Huwa car li l-legislatur ried jorbot dan it-terminu ta' dekadenza ma' kriterju oggettiv u mhux ma' wiehed soggettiv, altrimenti individwu jista' jibqa' jistharreg ghemil amministrattiv fuq perjodu ta' snin qabel jiddeciedi li jipprocedi bil-kawza ta' stharrig gudizzjarju. Certament dan ma kienx il-hsieb tal-legislatur wara l-kliem adottat minnu f'dan il-provvediment tal-ligi. Kwindi kien jispetta lis-socjetà attrici appellata li taghmel il-verifiki mehtiega minnufih, sabiex tkun tista' tipprocedi kif ritenut minnha opportun.

Lanqas ma jiswa' l-argument tas-socjetà attrici appellata illi ma setghetx tipprocedi qabel peress li nghatat informazzjoni hazina li biha giet zvijjata u li kien biss b'kumbinazzjoni li sentejn wara skopriet li s-socjetà konvenuta ASL ma kinitx gabet ic-certifikat ta' ezenzjoni mid-dazju. Ghandu jinghad li din l-informazzjoni nghatat lis-socjetà attrici appellata wara li hija stess staqsiet proprju fuq dan il-punt. Jinghad ukoll li jekk kemm-il darba s-socjetà attrici appellata kellha xi dubju dwar l-offerta maghzula mill-konvenuti appellanti, partikolarment dwar il-kwistjoni tad-

dazju u jekk dan kellux jizdied fil-prezz offert mis-socjetà Power Cables Malaysia, hija kellha fl-ewwel lok tistharreg din il-kwistjoni, kif effettivament ghamlet fi Frar 2005, u jekk ma kinitx konvinta mir-risposta moghtija lilha, tkompli ssegwi l-haga b'mod tempestiv u mhux terga' tqajjima wara aktar minn sena. Din mhix kwistjoni dwar jekk wiehed kellux jemmen l-ufficjali pubblici jew le, kif tittanta tghid is-socjetà attrici appellata, izda li taghmel il-verifiki opportuni f'waqthom, u mhux xhur jew sena u nofs wara li ttiehdet id-decizjoni amministrattiva.

Wara kollox is-socjetà attrici appellata kellha wkoll l-opportunità li tikkontesta d-decizjoni tal-konvenuti appellanti permezz ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici (Artikolu 104 tal-Avviz Legali 299 tas-sena 2003), ommissjoni ohra da parti taghha li ma tistax titregga' lura. Huwa ritenut pacifiku li t-termini ghall-appell huma ta' ordni pubbliku u ma tista' ssir ebda deroga minnhom; it-termini jinkwadraw ruhhom fl-istitut tad-dekadenza u dan hu hekk ghas-semplici fatt materjali u oggettiv tad-dekorrenza taz-zmien. Fil-kawza fl-ismijiet **Zwack-Wandrey v. In-Sight Ltd** deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010, intqal hekk dwar in-natura tat-termini ghal appell:

> "*Il-kwestjoni hawnhekk sollevata giet proprju minn din il-Qorti diversi drabi ezaminata. Hekk inghad illi t-termini ghall-appell minn sentenzi "huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata tal-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti*

> *sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutile taghhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita`. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi «l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula» ("Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997)". Ara "Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007;*".

Ghalhekk bl-atteggjament taghha stess, is-socjetà attrici appellata qeghdet lilha nnifisha fis-sitwazzjoni li ma tistax tattakka r-regolarità tad-decizjoni tal-konvenuti appellanti, kif qeghda tittanta li taghmel permezz tal-proceduri odjerni.

Minn dan kollu jsegwi li tabilhaqq iz-zmien li s-socjetà attrici appellata kellha, sabiex tattakka d-decizjoni tal-konvenuti appellanti permezz ta' azzjoni ta' stharrig gudizzjarju taht l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12, kien ilu li ghalaq hafna qabel infethet din il-kawza. B'hekk l-azzjoni attrici kienet perenta meta ntavolata u ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti appellanti kienet timmerita li tintlaqa'.

Konsidrat li dan l-aggravju taz-zewg konvenuti appellanti sejjer jintlaqa' u li konsegwentement l-azzjoni attrici tispicca, mhux mehtieg li din il-Qorti tinvesti l-bqija tal-aggravji mressqa minnhom.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi miz-zewg appelli interposti mill-konvenuti appellanti, billi filwaqt li tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Novembru, 2010 u tas-16 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet premessi u minflok filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti appellanti fejn jinghad minnhom li l-azzjoni attrici hija perenta ai termini tal-Artikolu 469A(3) tal-qabel indikat Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

Minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb